MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 2113/2000/1

**Ġino CAMILLERI**

**vs**

**L-Avukat Dottor Mark MICALLEF**

**Il-Qorti:**

Rat li din l-azzjoni, mibdija bil-proċedura sommarja speċjali fid-29 ta' Settembru, 2000, hija dwar talba għal ħlas ta' xogħlijiet ta' stallazzjoni ta' dawl u ilma mwettqa f'appalt miftiehem mal-imħarrek fil-post 35/36, St. Barbara Bastions, Valletta. L-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' Lm 2381.10 għall-imsemmija xogħlijiet u għall-prezz ta' madum u ta' żewġ settijiet tal-kmamar tal-banju;

Rat id-degriet tat-22 ta' Novembru, 2000, li bih l-imħarrek ingħata l-jedd li jitħalla jikkontesta l-kawża u jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fit-22 ta' Novembru, 2000, li biha qal li t-talba attriċi ma kinitx mistħoqqa għaliex l-ammont mitlub kien eżaġerat;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-meżż tal-affidavit;

Rat id-degriet tal-31 ta' Ottubru, 2001[1], li bih il-Perit Arkitett Valerio Schembri nħatar perit ġudizzjarju biex ifittex u jirrelata dwar ix-xogħlijiet pretiżi mill-attur;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fit-23 ta' Frar, 2004[2], minnu maħlufa kif imiss fil-5 ta' Ottubru, 2004;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Novembru, 2004, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi ma jidhirx kontestat li l-attur ingħata l-appalt mill-imħarrek. Jidher ukoll li, għalkemm ma kienx hemm ftehim miktub dwar l-għamla tax-xogħlijiet li kellhom isiru, l-attur kien jaf biżżejjed x'ried l-imħarrek. Kemm hu hekk, bosta miż-żmien li kien qiegħed isir ix-xogħol, l-imħarrek kien imsiefer għal ċertu tul ta' żmien u kien jiġi jittawwal minn żmien għal żmien;

Illi, bħala parti mix-xogħol li l-attur intalab iwettaq u li tiegħu huwa qiegħed jiltob il-ħlas, l-attur nefaq ukoll spejjeż biex xtara xi tagħmir tal-kmamar tal-banju biex jistallah fil-post fejn kien qiegħed jaħdem. Dwan dan it-tagħmir, l-ammont minnu pretiż jikkostitwixxi rifużjoni ta' spejjeż minfuqa aktar milli l-ħlas ta' prestazzjoni tal-appalt;

Illi l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li l-ammont mitlub kien eċċessiv. Madankollu, mix-xhieda mogħtija

[1] Paġ. 43 tal-proċess
[2] Paġġ. 56 sa 65 tal-proċess

minnu fl-affidavit tiegħu[3], beda jallega wkoll li kien hemm xogħlijiet li tagħhom l-attur qed jippretendi l-ħlas li ma ntemmux, li x-xogħol tmexxa bil-mod u bl-iskossi, li l-imħarrek ħareġ mill-post affarijiet li ma kinux tiegħu u nqabad, u li ta lill-imħarrek kontijiet ogħla minn dak li kien fil-fatt nefaq;

Illi, mir-Relazzjoni tal-perit tekniku, jirriżulta li wara li saru ż-żewġ aċċessi u ttieħdu l-kostatazzjonijiet meħtieġa, il-partijiet talbuh biex jgħid liema kienu x-xogħlijiet mitluma u, minn dawn, liema xogħlijiet saru skond is-sengħa. Jidher li qablu wkoll li huwa joħroġ kont aħħari tax-xogħlijiet imwettqa, maħdum fuq il-kont maħruġ mill-attur kif minnu mressaq fl-atti tal-kawża[4] bħala bażi tat-talba attriċi. Dan il-qbil jidher li jikkostitwixxi bħal kważi-kuntratt ġudizzjali bejniethom, u wieħed jista' jgħid li jaqa' fil-parametri tal-ħatra oriġinali mogħtija lill-istess perit mill-Qorti fid-degriet tal-ħatra tiegħu;

Illi, b'dan l-iżvilupp, jidher li l-ilmenti mressqa mill-imħarrek fil-konfront tal-attur intesew u, kemm hu hekk, la tressqu aktar provi dwar ix-xiljiet li saru mill-imħarrek u lanqas issemma xejn minn dan fil-konklużjonijiet li wasal għalihomil-perit ġudizzjarju. Wieħed jista' għalhekk iqis li l-imħarrek baqa' jistrieħ biss fuq l-eċċezzjoni tiegħu li l-ammont pretiż mill-attur kien wieħed ogħla minn kemm kellu jkun;

Illi l-ammont ta' xogħol u spejjeż aċċettabbli li wasal għalih il-perit tekniku jitla' għal Lm 3097.86. Mad-daqqa t'għajn, dan jista' jidher bħala ammont likwidat li huwa ogħla minn dak li l-attur qiegħed jitlob fiċ-Ċitazzjoni. Ukoll kieku kien hekk, il-Qorti ma tistax tagħti lill-attur aktar minn kemm qiegħed jitlob għaliex tkun qegħda tiddeċiedi *ultra petita*. Iżda minn eżami bir-reqqa ta' kif il-perit wasal għall-ammont aħħari fil-prospett VS07 mehmuż mar-relazzjoni, wieħed isib li dak l-ammont huwa s-somma sħiħa likwidata tax-xogħlijiet kollha li wettaq l-attur. Ma jittieħed l-ebda kont tal-ħlasijiet akkont li l-imħarrek għadda lill-attur waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol. Dawn il-ħlasijiet

[3] Paġġ. 39 sa 41 tal-proċess
[4] Dokti "A" sa "F", f'paġġ. 17 sa 30 tal-proċess

jistqarrhom l-attur innifsu fil-prospett maħluf imressaq minnu[5], u jitilgħu b'kollox għal Lm 1600. L-imħarrek ma jikkontestax dan l-ammont jew imqar jindika xi ammont ieħor akbar minn hekk. Għalhekk, il-Qorti sejra toqgħod fuq l-ammont imsemmi mill-attur u tqis li tali ammont għandu jitnaqqas mill-ammont aħħari determinat mill-perit tekniku fir-rapport tiegħu;

Illi dwar l-attendibilita' tal-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku l-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex toqgħod fuqhom. Bħalma ingħad bosta drabi oħrajn mill-Qrati, f'din il-kawża l-Qorti ssib li r-raġunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq mill-perit tekniku jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi[6], u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[7]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[8], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[9];

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li x-xogħol imwettaq mill-attur kien xogħol tajjeb u siewi għall-imħarrek. Tqis ukoll li, f'xi parti, l-imħarrek kellu raġun jgħid li l-ammont mitlub kien ogħla minn dak mistħoqq. Dwar dan jidher li l-perit tekniku ħa qies fid-dawl ta' dak maqbul mill-partijiet waqt il-ġbir tal-provi. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu u wara li jitqies il-ħlas li kien irċieva akkont, il-Qorti qegħda tillikwida l-ammont bilanċjali dovut lill-attur fis-somma ta' elf erba'

---

[5] Paġ. 16 tal-proċess
[6] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Gauċi vs Anġela Attard***
[7] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***
[8] Art. 681 tal-Kap 12
[9] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)

mija u sebgħa u disgħin lira Maltija u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm 1497.86)[10];

Għal dawn ir-raġunijiet qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni** milli tqis aktar l-ewwel talba, fid-dawl tad-degriet mogħti fit-22 ta' Novembru, 2000;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** limitatament għall-ammont ta'elf erba' mija u sebgħa u disgħin lira Maltija u sitta u tmenin ċenteżmi (Lm 1497.86), u tikkundanna lill-imħarrek iħallas l-imsemmi ammont lill-attur flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'effett mill-1 ta' Novembru, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal tnejn minn ħames ($^2/_5$) partijiet mill-attur u tlieta minn ħames ($^3/_5$) partijiet mill-imħarrek.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[10] Lm 3097.86 – Lm 1600 = Lm 1497.86